MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 48/2002/1

**Angela Galea, u b'digriet tas-26 ta' Ottubru, 2004, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Antonia armla ta' Emanuel Mercieca,
Maria mart Giuseppi Pace, Michael King u Michael Mercieca,
stante l-mewt ta' Angela Galea li mietet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Grazio u Mary Lourdes konjugi Borg**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Din hi sentenza dwar appell interpost mill-atturi Antonia Mercieca, Michael King u Michael Mercieca minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fil-11 ta’ Ottubru 2006 li fiha gie ritenut u deciz kif gej:-

“Il-Qorti ,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

“Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-sittax (16) ta' Lulju elf disa' mija tmienja u disgħin (1998), l-attriċi biegħet lill-konvenuti biċċa art magħrufa bħala 'L-Imdawra tal-Pergla' fi Triq Masri, Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' madwar tlett mija u disgħa u sebgħin metri kwadri (379 m.k.) u konfinanti mit-tramuntana mat-triq, punent ma' beni ta' Victor Vella, u lvant ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu Luigi Attard ;

“Illi l-prezz ta' dak il-bejgħ ġie dikjarat illi huwa għoxrin elf lira maltija (Lm20,000) illi suppost kellhom jitħallsu mhux aktar tard minn ħames snin mid-data tal-kuntratt mingħajr interessi u mingħajr riserva tal-privileġġ fuq il-beni suppost mibjugħa ;

“Illi effettivament dakinhar tal-kuntratt ġiet iffirmata skrittura oħra bejn l-attriċi u l-kumpraturi illi fiha ġie dikjarat illi l-prezz tal-bejgħ jiġi kumpensat u paċut ma' somma wgwali illi ġiet dikjarata dovuta mill-attriċi lill-kumpraturi, għal serviġi kuri w assistenzi illi suppost illi ġew reżi lill-atturi mill-kumpraturi; b'dan illi l-kumpraturi obbligaw ruħhom illi jirrendu serviġi kuri w assistenzi lill-attriċi kif stipulat fl-istess skrittura ;

“Illi sia l-kuntratt kif ukoll l-iskrittura huma affetti minn vizji illi jirrendu l-istess nulli u bla ebda effett u dan għaliex qabel xejn il-kunsens ta’ l-attriċi ġie kaptat bi vjolenza u

frodi kif ukoll kien affett bi żball materjali; u għaliex l-istess kuntratt u skrittura huma simulati ;

“Illi barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għal premess, il-kumpraturi naqsu illi jkomplu jwettqu l-obbligu assunt minnhom bis-saħħa ta' l-iskrittura; kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

“Illi dan kollu qed jingħad għaliex qatt ma kienet l-intenzjoni ta’ l-attriċi illi 'tbiegħ' ir-raba tagħha. Għall-kuntrarju hija minn dejjem riedet illi tħalli b'testment din ir-raba lil min ikun effettivament dar biha fis-sens illi rrendielha l-kuri serviġi w assistenzi illi jkollha bżonn sa mewtha ;

“Illi effettivament hija ffirmat il-kuntratt għaliex serħulha moħħha illi l-effett tal-kuntratt u l-iskrittura kien ser ikun ugwali għal testment fis-sens illi hija setgħet tiżgura ruħha illi 'l hekk imsejħa kumpraturi kienu verament ser jirrendulha serviġi għal matul ħajjitha ;

“Illi assolutament mhux veru illi sal-ġurnata illi hija ffirmat l-iskrittura ta' tpaċija hija kienet debitriċi f'xi ammont versu l-kumpraturi, u aktar u aktar mhux veru illi hija kellha tagħtihom somma inġenti ta' Lm20,000 ;

“Illi l-art ta’ l-attriċi effettivament kienet, anke dakinhar tal-kuntratt, tiswa ferm aktar minn għoxrin lira maltija (Lm20,000) stante illi si trattava minn aktar minn siegħajn raba fabbrikabbli meta l-prezz korrenti fis-suq għal siegħ raba fabbrikabbli fix-Xagħra kien miżerjament ta' ħamsa u għoxrin elf lira maltija (Lm25,000) ;

“Illi fuq l-iskrittura l-kumpraturi obbligaw ruħhom illi jibqgħu jirrendu kuri u serviġi lill-attriċi u ma jirrikoverawhiex f'xi sptar jew dar tal-kura għajr sakemm strettament u indispensabbilment meħtieġ għall-finijiet ta' kura medika, u fuq ordni tat-tabib kuranti tagħha; u ġie miftiehem ukoll illi kemm-il darba għal xi raġuni huma ma jibqgħux jew ma jkunux f'pożizzjoni illi jipprestaw is-servizzi kollha meħtieġa, tkun ir-responsabbilita` tagħhom illi jipprokuraw

a spejjeż tagħhom li l-istess servizzi jiġu prestati minn terzi ;

“Illi effettivament ftit xhur biss wara li ġiet iffirmata l-iskrittura, il-kumpraturi abbandunawha għal kollox tant illi hija għamlet żmien abbandunata f'darha sakemm imbagħad sabet wieħed mill-qraba tagħha illi permezz ta' martu għamel arranġamenti sabiex hija tiġi rikoverata f'dar għall-anzjani f'Malta, fejn għadha tabita sal-lum u l-konvenuti ma kkontribwew xejn mill-ispejjeż neċessarji għal dan ir-rikoverar ;

“Illi fuq l-istess skrittura kien ġie stipulat illi l-kreditur ta’ l-attriċi jirravviva ruħu kemm-il darba l-kumpraturi jonqsu li josservaw l-obbligi assunti minnhom.

“Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti :

“1. Tiddikjara illi l-att ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-16 ta' Lulju 1998 kif ukoll l-iskrittura ta’ l-istess data fuq imsemmija huma nulli għaliex il-kunsens ta’ l-attriċi għall-istess kaptat bi vjolenza u frodi da parti tal-konvenuti, għaliex l-istess kunsens kien affett bi żball materjali, u finalment għaliex l-istess kuntratt u skrittura huma simulati ;

“2. Konsegwentement tirrexxindi u tannulla għal kollox il-kuntratt ta' bejgħ fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-16 ta' Lulju 1998; kif ukoll l-iskrittura ta’ l-istess data ;

“3. Taħtar Nutar pubbliku, u tiffissa l-jum ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta’ l-att ta' rexissjoni relattiv, liema kuntratt għandu jsir bl-intervent ta' kuraturi deputati illi għandhom ukoll jiġu nominati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuqu.

“Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Settembru 2001 u dawk tal-mandat ta' inibizzjoni preżentat kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni, kontra tagħkom.

“Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

“Bir-riserva għad-dritt ta’ l-attriċi, f'każ illi t-talbiet tagħha jiġu miċħuda, għall-azzjoni għar-rivivixxenza tal-kreditu tagħha kontra tagħkom talli abbandunajtu lill-attriċi u ma komplejtux tirrendulha s-serviġi kuri w assistenzi illi obbligajtu rwieħkom illi tirrendulha fuq l-iskrittura tas-16 ta' Lulju, 1998.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attriċi debitament ikkonfermata bil-ġurament tagħha.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

“1. Illi preliminarjament hemm in-nullita` taċ-ċitazzjoni għaliex l-attriċi qegħda fl-istess waqt taġixxi minħabba nullita` tal-kuntratt u kitba msemmija u fl-istess waqt issostni li l-esponenti ma osservatx it-termini ta' l-istess arrangamenti li minnu nnifsu jimporta ratifika ta' l-obbligi reċiproci assunti mill-partijiet fuq l-istess żewġ arranġamenti.

“2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, kull jedd li seta' kellha l-attriċi, li titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt u tal-kitba msemmija, ddekada fit-termini ta' l-artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

“3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess ma hux leġittimu għall-attriċi li tipprova tattakka l-validita` ta' xi ftehim minħabba allegata simulazzjoni li tat lok għaliha hi stess.

“4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minn Mary Lourdes Borg.

“Rat il-verbal tagħha tal-24 ta' Frar 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

“Ikkunsidrat :

“Illi permezz ta' din iċ-ċitazzjoni l-attriċi ttentat tattakka l-validita` ta' kuntratt ta' bejgħ ta' għalqa magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo tas-16 ta' Lulju 1998, kif ukoll ta' skrittura privata ta' l-istess data dwar serviġi resi u li kellhom jiġu reżi, u dan għal diversi raġunijiet, u ċioe' għax :

“*(i)* il-kunsens tagħha għal dawn l-atti kien kaptat bi vjolenza u frodi ;

“*(ii)* il-kunsens tagħha kien ukoll ivvizzjat bi żball da parti tagħha ;

“*(iii)* l-istess atti kienu simulati.

“Konsegwentement talbet ir-rexissjoni ta' l-istess atti.

“Imma qabel ma tkun tista' tidħol fil-mertu tal-każ, jeħtieġ li jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. Permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti qed jgħidu illi ċ-ċitazzjoni hija nulla għax hemm kontradizzjoni u konfużjoni fit-talbiet. L-artikolu 156( 1)(a) jistipula li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha "**tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba**". Imma kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell : *" …. F'materja ta' eċċezzjonijiet ta' nullita` l-prinċipju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat.*** *Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni ta' nullita` minħabba fin-nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalita` (sakemm ma tkunx nullita` li tirriżulta espressament mil-liġi) biss fil-każijiet fejn jirriżulta li l-konvenut isofri*

*preġudizzju rreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullita` ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156(1)(a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1) (c) tal-Kap. 12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullita`* ***'jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi … kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita` preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat****.' "* [1]

"Hekk ukoll ingħad illi : " … *n-nullita` ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*." [2]

"Fil-każ in eżami l-attriċi talbet ir-rexissjoni tal-kuntratt u skrittura imsemmija, sew għax allegatament il-kunsens tagħha kien ivvizzjat minħabba vjolenza, żball u frodi, kif ukoll għax dawn l-atti kienu simulati. Imma kif ġie stabilit fid-dottrina u l-ġurisprudenza, talba għar-rexissjoni bbażata kontestwalment fuq tali premessi hija nkompatibbli.

"Fil-kawża fl-ismijiet : "***Prof. Carlo Oreste Strocco vs Pietro Baldassare Contini et***.",[3] il-Qorti ddistingwiet bejn azzjoni għar-**rexissjoni** w azzjoni ta' **simulazzjoni**, u spjegat li dawn huma differenti minn xulxin u ma jistgħux jitqajjmu fl-istess ħin, stante li azzjoni ta' rexissjoni jew ta' nullita` tippresupponi obbligazzjoni ġuridikament eżistenti, iżda nieqsa minn xi element essenzjali, filwaqt illi l-azzjoni ta' simulazzjoni tippresupponi dejjem att ineżistenti, jew b'mod assolut jew b'mod relattiv. Ingħad għalhekk illi :

"*L-azzjoni tar-rexissjoni jew tan-nulita` tippresupponi obbligazzjoni ġuridikament eżistenti, iżda nieqsa minn xi element essenzjali (art. 1255 Kod. Civ.) ; difatti, skond l-*

---

[1] Albert Portelli vs Dr. Riccardo Farrugia : 4.12.1998 kollez. vol. LXXXII.. II. 1311

[2] Appell : Guido J. Vella A.CE vs Dr. Emanuel Cefai Ll.D. : 4.11.1991 vol. LXXV. II. 474 .

[3] Prim'Awla : 8.11.1952.

*art. 1188(g) ta' l-istess Kodiċi, ir-rexissjoni hija wieħed mill-modi li bihom jispiċċaw l-obbligazzjonijiet (***'si estinguono'***, kien igħid l-art. 851 ta' l-Ord. VII ta' l-1868) u peress li ma jistax loġikament jispiċċa ħlief dak li jkun jeżisti, ma jistgħux ikunu suġġetti għar-rexissjoni, għall-finijiet ta' l-imsemmi art. 1255 (kif kostantement interpretat mill-Qrati tagħna) dawk l-obbligazzjonijiet li huma ġuridikament ineżistenti (kollez. XXV. 1. 511 u App. Civ. 13 ta' Gunju 1950 in re. Saliba vs Saliba). Vice-versa, l-azzjoni tas-simulazzjoni tippresupponi dejjem att ineżistenti jew b'mod assolut (***'colorem habens, substantiam vero nullam'****) sew b'mod relattiv (***'colorem habens, substantiam vero alteram****'); ;  bil-konsegwenza li, rigward l-att apparenti impunjat isir inkoncepibbli u inutili l-annulament, salva, jekk ikun il-każ, l-impunjazzjoni ta' l-att reali li jkun moħbi taħt dak apparenti.  Minn dana jidher li l-azzjoni tan-nullita` hija applikabbli biss għal dawk l-obbligazzjonijiet li jkollhom wieħed jew iżjed mid-difetti determinati fl-art. 1266 fuq ċitat, iżda qatt għal dawk li ġuridikament u fil-fehma tal-partijiet qatt ma eżistew jew qatt ma eżistew kif apparentement kienu jidhru.*

"*L-oġġett taż-żewġ azzjonijiet huwa, kwindi, neċessarjament differenti.  L-azzjoni tan-nullita` għandha bħala skop tagħha l-annulament ta' l-obbligazzjoni, minħabba li tkun nieqsa minn xi rekwiżit essenzjali (Kollez. XVI. II. 332) ;  mentri dak ta' l-azzjoni tas-simulazjoni huwa li tkun ristabilita` l-verita` f'dak li realment riedu l-kontraenti, għad li l-att reali jista' ma jkunx validu.* ***'Colui che agisce per la dichiarazione di simulazione', jgħid Laurant, 'non chiede che l'atto sia annulato, ma pretende che vi ha un atto apparente il quale non esiste punto come atto reale, ma che quest'atto apparente nasconde un contratto reale, salvo a veder se il contratto reale e' valido. Cosi' l'azione di simulazione non ha che un solo oggetto, cioe` quello di ristabilire la verita`.  Dunque l'articolo 1304 non e' applicabile***'*.  Liema deduzzjoni hija aktar u aktar applikabbli fil-każ ta' simulazzjoni relattiva, li kif irraġunat il-Qorti ta' l-Appell tar-Re fil-kawża 'Seychell utrinque' deċiża fis-27 ta' Marzu 1936 (Kollez. Vol XXIX. I.*

*570), ma għandhiex bħala skop id-dikjarazzjoni ta' nullita` jew rexissjoni tal-kuntratt."*

“Il-prinċipju li ma għandhomx jiġu konfużi l-azzjoni rexissorja u dik simulatorja ġie enfasizzat b'mod inekwivoku f'sentenza oħra fejn ingħad illi : "Kif inhi imposta l-kwistjoni mill-attur, **l-att huwa simulat** għal Spiteri Debono, **jiġifieri ineżistenti**, **u mhux fondat fuq difett ta' kunsens jew kawża. Immela m'huwiex att rexindibbli għax biex tirrexindi att dana jrid ikun ġa jeżisti ġuridikamant."** [4]

“Jirriżulta ndubbjament minn eżami tal-premessi u talbiet f'din iċ-ċitazzjoni, illi hemm kontradizzjoni u konfużjoni fihom. Dan għaliex minn naħa l-waħda l-attriċi ppremettiet li l-kuntratt ta' bejgħ u l-iskrittura in kwistjoni kienu affetti minn vizji li jirrendu dawn l-atti nulli u bla effett u dan għaliex il-kunsens ta’ l-attriċi ġie kaptat bi vjolenza u frodi, kif ukoll kien affett bi żball materjali, u għalhekk titlob illi dawn l-atti jiġu rexissi. Mentri minn naħa l-oħra tallega wkoll illi dawn l-istess atti kienu simulati, u anke għal din ir-raġuni talbet ir-rexissjoni tagħhom. Iżda kif ġie spjegat fil-ġurisprudenza u dottrina hawn fuq ikkwotata, wieħed ma jistax fl-istess nifs jallega li att huwa eżistenti, imma ġuridikament nieqes minn xi element essenzjali għall-validita` tiegħu, u għalhekk annulabbli, u sadanittant isostni wkoll illi dan l-att kien simulat u konsegwentement ineżistenti *ipso iure.* Dan huwa preċizament dak li għamlet l-attriċi fil-kawża preżenti. Ma għarfitx tiddistingwi bejn l-effetti u konsegwenzi ta' l-azzjoni rexissorja u dik simulatorja u kkonfondiethom flimkien, b'tali mod illi, anke kieku intalbet, a tenur ta' l-artikolu 789 tal-Kap. 12, ebda korrezzjoni f'din iċ-ċitazzjoni ma setgħet validament issir. Dan għaliex, sew kieku ġew rinuzjati l-premessi u t-talbiet dwar ir-rexissjoni u anke kieku ġew eliminati dawk dwar is-simulazzjoni, id-difiża tal-konvenuti żgur kienet ser tiġi preġudikata serjament.

“Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar in-nullita` taċ-ċitazzjoni

[4] Prim'Awla : Luigi Spiteri Debono vs Jospeh Spiteri Debono : 12.07.1946.

minħabba konfużjoni u kontradizzjoni fil-premessi u t-talbiet, bl-ispejjeż kontra l-atturi, salv u impreġudikati pero` d-drittijiet kollha talvolta spettanti lilhom skond il-liġi."

**L-APPELL TA' L-ATTURI**

2.1. L-atturi hassewhom aggravati bis-sentenza hawn fuq riprodotta u interponew appell minnha ghal fini ta' revoka bic-cahda ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari, u b'talba li l-atti jintbaghtu lura quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad sabiex din tiddeciedi l-kaz fuq il-meritu.

2.2. L-aggravji ta' l-atturi gew minnhom sintetizzati hekk:-
"(1.) L-ewwel Onorabbli Qorti marret kompletament *extra petita* meta ddecidiet illi l-azzjoni attrici hija nulla **ghaliex l-attrici "ma gharfitx tiddistingwi bejn l-effetti u konsegwenzi ta' l-azzjoni rexissorja u dik simulatorja u kkonfondiethom flimkien";** u illi ghalhekk "*Jirrizulta ndubbjament minn ezami tal-premessi u talbiet f'din ic-citazzjoni, illi hemm kontradizzjonali u konfuzjoni fihom".*

(2.) Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jirrizulta illi hemm ebda konfuzjoni u kontradizzjoni fit-talbiet attrici minhabba l-fatt illi fil-premessi l-attrici sahqet fuq il-fatt illi l-konvenuti naqsu illi jwettqu l-obbligi assunti minnhom bl-arrangamenti bejn il-partijiet.

(3.) Fit-tielet lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, wiehed kellu jezamina l-validita` tac-citazzjoni mill-punt di vista ta' nullita` minhabba allegata kontradizzjoni u konfuzzjoni fil-premessi u fit-talbiet ta' l-attrici, l-eccezzjoni relattiva kellha in effetti tigi michuda."

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI GRAZIO BORG U LOURDES BORG GHALL-APPELL TA' L-ATTUR**

3. Il-konvenuti wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Huma jissottomettu li l-ebda wahda mill-aggravji ta' l-atturi appellanti ma huwa fondat u ghalhekk dana l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess atturi appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Ir-rizoluzzjoni ta' dan l-appell m'hijiex wahda facli ghar-raguni li minn punto di vista ta' dritt tqanqal certi kwistjonijiet li jridu jigu indirizzati qabel ma jigi, okkorrendo, approfondit u deciz il-mertu tal-vertenza.
(i) L-ewwel kwezit huwa dan: Jista jinghad li l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti appellati dwar in-nullita` tac-citazzjoni kienet tinkwadra ruhha tabilhaqq, ossija kienet kompriza, f'dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti?

(ii) It-tieni kwezit huwa dan: Jekk, kif qieghed jigi sottomess mill-parti appellanti, l-ewwel eccezzjoni ma kenitx fis-sens mifhum u moghti mill-ewwel Qorti, setghet dik il-Qorti tqajjimha hi <u>ex officio</u>?

5.1. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tghid hekk (ara fol. 17, para 1):
"1. Illi preliminarjament hemm in-nullita` tac-citazzjoni ghaliex l-attrici qeghdha fl-istess waqt tagixxi minhabba nullita` tal-kuntratt u kitba msemmija u fl-istess waqt issostni li l-esponenti ma osservatx it-termini ta' l-istess arrangamenti li minnu nnifsu jimporta ratifika ta' l-obbligi reciproci assunti mill-partijiet fuq l-istess zewg arrangamenti."

5.2. Issa minn ezami ta' l-atti tal-kawza, jirrizulta li l-Qorti ta' l-ewwel grad wara li halliet lill-partijiet kontendenti jressqu kull farka ta' prova u li jaghmlu kwalsiasi sottomissjoni possibli u mmaginabbli, komprizi sottomissjonijiet fuq il-meritu, hija finalment spiccat biex cahdet it-talbiet attrici ghar-raguni li, wara li ppremettiet b'mod generiku li, "il-konvenuti qed jghidu illi c-citazzjoni hija nulla ghax hemm kontradizzjoni u konfuzjoni fit-talbiet", u rriferiet ghal dak li hemm stipulat fl-Artikolu 156(1)(a) tal-Kodici Civili, irriteniet u ddecidiet hekk,
"Fil-kaz in ezami l-attrici talbet ir-rexissjoni tal-kuntratt u skrittura msemmija, sew ghax allegatament il-kunsens taghha kien ivvizzjat minhabba vjolenza, zball u frodi, <u>kif ukoll ghax dawn l-atti kienu simulati</u>. Imma kif gie stabbilit fid-dottrina u l-gurisprudenza, talba ghar-rexissjoni bbazata kontestwalment fuq tali premessi hija inkompatibbli" (sottolinear tal-Qorti).

Huwa aktar minn ovvju, u kwindi minghajr htiega ta' hafna tigbid u sottiljezzi legali inutli, li l-ewwel eccezzjoni preliminari surreferita ma kenitx in realta` tghid dak li fehmet u esprimiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Di fatti, fin-nota ta' osservazzjonijiet li giet pprezentata mill-konvenuti appellati – li fil-fatt ghandha aktar sembjanza ta' monografija minn semplici nota – ara fol. 243 sa fol. 274 tal-process (31 faccata dattilografata), – l-istess konvenuti donnhom jiehdu spunt mill-awturi u l-kazistika li jiccitaw biex ideffsu ghall-ewwel darba l-element tas-simulazzjoni u, imbaghad, taht bixra ta' punt sekondarju addizzjonali (mentri din kienet sa mill-bidunett u unikament il-portata ta' l-ewwel eccezzjoni) ikomplu hekk (ara fol. 254, it-tieni paragrafu):-
"In oltre, biex tkompli tghaffeg u tohloq konfuzjoni fuq in-natura vera ta' l-azzjoni li qeghda tiehu b'din ic-citazzjoni, l-attrici ppremettiet ukoll illi l-kompraturi (ossija l-konvenuti) naqsu milli jkomplu jwettqu l-obbligu assunt minnhom bis-sahha ta' l-iskrittura msemmija. Ghaldaqstant l-attrici qeghda ghal darb'ohra tagixxi minhabba nullita` ta' kuntratt u skrittura u fl-istess hin, tirrikonoxxi l-kontenut taghhom u ssostni li l-konvenuti ma osservawx it-termini ta' l-istess arrangamenti." (Sottolinear tal-Qorti).

Din il-Qorti m'hijiex qeghda tippronunzja ruhha dwar jekk l-atturi appellanti setghux jipproponu azzjoni jew le bhax-xorta u fit-termini proposti imma qeghda tirritjeni invece li l-ewwel Qorti kienet manifestament skorretta meta qabdet u interpretat l-eccezzjoni *de quo* bhala wahda li qeghda tinvoka n-nullita` tac-citazzjoni in kwantu din kienet ibbazata kemm fuq vizzju tal-kunsens kif ukoll ghaliex l-istess atti kienu simulati. Fi kliem aktar semplici, l-ewwel eccezzjoni ma tghidx hekk u l-ebda ragjonament "gdid" li jittrapela *en passant* waqt is-sottomissjonijiet finali bil-miktub, u wara li kienu nghalqu l-provi kollha, ma jista' jservi biex jissana jew jirrimedja ghal xi haga li ma ssemmitx u ma tiffigurax fl-eccezzjoni in ezami. Il-htiega li ssir nota ta' eccezzjonjiet formalment hija ntiza mil-legislatur proprju bl-iskop li kull parti tkun taf ezatt x'inhuma l-parametri ta' l-azzjoni u tad-difiza avvanzata

mill-parti konvenuta. Semplici nota ta' osservazzjonijiet m'ghandhiex isservi biex tirrimpjazza nota ta' eccezzjonijiet. Ghalhekk ifisser li l-aggravju ta' l-atturi appellanti taht dana l-aspett huwa fondat u qed jigi milqugh.

6. Nigu issa ghat-tieni kwezit. Setghet l-ewwel Qorti tqajjem din l-eccezzjoni *marte proprio*? Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta hija definittivament fin-negattiv u dan huwa hekk ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni hija dik li, kif intqal supra, tali eccezzjoni ma kenitx kompriza fl-eccezzjoni preliminari li fuqha strahet il-Qorti u f'ebda eccezzjoni ohra li giet sollevata; u fit-tieni lok, ghax tali operat m'huwiex permess mil-ligi. Dwar it-tieni raguni fuq imsemmija hemm diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati li rritenew dak li qeghda tirribadixxi din il-Qorti. Per ezempju, gie ritenut, u din il-Qorti taqbel mieghu, li,
"1. Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illli waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jsitax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, *ammeno che` non si tratta* minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – **Joseph Gatt –vs– Joseph Galea**, Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965; **Regina mart Francis Cacciottolo –vs– Francis Cacciotolo**, Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976;

"2. Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li mhix awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonjiet ta' ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista' tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhix rakkomandabbli li tista' twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess – **Anthony Hammett noe –vs– Vincent Genovese pro et noe**, Appell Kummercjali, 31 ta' Jannar 1991."

Isegwi konsegwentement mis-suespost li s-sentenza moghtija kienet wahda proceduralment skorretta u

ghandha tigi annullata u revokata. B'daqstant ma jfissirx li c-citazzjoni, kif dedotta, hija wahda accettabbli minn punto di vista procedurali. Tali punt ghad irid jigi deciz mill-ewwel Qorti fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari kif kellha suppost tigi mifhuma u interpretata. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun gust jew korrett li darba li hija qeghdha tannulla dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, ghandha tghaddi biex tidderimi hi l-kwistjoni sollevata mill-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni preliminari. Tali kompitu fl-ewwel lok kien, u ghadu, jispetta lill-Qorti ta' l-ewwel grad u dan il-kompitu ghadu ma giex adempit u kwindi huwa l-kaz li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti proprju biex tiddeciedi dak li kellha tiddeciedi a bazi ta' dak mitlub mill-atturi u eccepit mill-konvenuti. Din il-Qorti pero` thossha wkoll fid-dmir li zzid li parti mid-dizgwid li sfortunatament inkorriet fih l-ewwel Qorti kien istigat minn dak li gie sottomess lilha ghall-konsiderazzjoni taghha min-naha tal-konvenuti appellati. Minhabba f'hekk, din il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez biex jirrifletti dan il-fatt.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi tilqa' *in parte* l-appell ta' l-atturi appellanti u tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fil-11 ta' Ottubru 2006, b'dan li qeghdha tordna li l-atti jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti ghal fini ta' kontinwazzjoni u decizjoni fid-dawl ta' dak li gie deciz minn din il-Qorti. Fic-cirkostanzi, il-kap ta' l-ispejjez ghandu jibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------